

## Fra Philippe Villiers de l'Isle Adam - Joseph C Camilleri BA, DEAM, M.Ed (Pl & Mgt

Is-sena 1530 hija sena ferm importanti fl-istorja ta' dawn il-gżejjer. L-Imperatur Karlu V ta l-gżejjer Maltin flimkien mal-belt ta' Tripli lill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalem u Rodi. Dawn waslu Malta fis-26 ta' Ottubru 1530. Bħala kap tagħhom kien hemm Fra Philippe Villiers de L'Isle Adam, kavallier Franċiż. Dan kien l-ewwel Granmastru ta' Malta jew kif kienu jgħidulu l-Maltin jew aħjar is-sudditi, is-Sultan.



### Il-granmastru

Philippe Villiers de l'Isle Adam twieled fis-sena 1464 f'Beavis fi Franza. Il-familja tiegħu kellha rabtiet mill-qrib tal-Ordni ta' San Ġwann. Hu kien membru tal-Lingwa ta' Franza. Maż-żmien laħaq Gran Pinju ta' din il-Lingwa. Fra Philippe kien jokkupa l-kariga ta' Kaptan Ġenerali tal-flotta tal-Ordni. Din il-ħatra ħadha fis-sena 1510. Mal-mewt tal-granmastru Fra Fabtizie del Carretto fis-sena 1521 Fra Philippe Villiers L'Isle Adam laħaq mexxej tal-Ordni. Barra milli jikkmanda din l-għaqda hu kien ukoll mexxej tal-gżira ta' Rodi, billi l-Kavallieri kienu joqgħodu f'din il-gżira, ftit passi 'l bogħod mir-renju Tork, l-għadu etern tal-fidi nisranija u naturalment tal-Kavallieri.

Fis-sena 1522 sar l-assedju ta' Rodi u wara żmien ta' ġlied ta' sitt xhur din il-gżira saret parti mill-Imperu Tork. Is-Sultan Tork Suleiman il-Manjifiku ħalla l-kavallieri jitilqu bil-mod minn din il-gżira u ħallihom jieħdu t-teżori li kellhom għal qalbhom. Fost dawn it-teżori hemm l-arkivju tal-Ordni, ix-xbiha tal-Madonna ta' Damaxena, l-istatwa ta' San Ġużepp u mitt ħaġa oħra. Bħala rispett lejn dawn in-nies, is-Sultan ma ħalliex li l-armi u l-kitbiet jitneħħew fuq is-swar u bini ieħor. Tant hu hekk li sal-lum hemm triq fil-belt ta' Rodi li fiha l-bereġ. Kienu l-Franċiżi li ħattew partijiet mill-bini bħall-isptar li d-daħla tiegħu tinsab fil-Palazz ta' Versailles.

*ikompli f'paġna 148*

**Żmien ta' inkwiet**

Waqt li kien qed jieħu kenn għalih u għall-kavallieri kif ukoll tan-numru ta' nies Griegi (Rodjani) li riedu jibqgħu miegħu, hu żar diversi rejiet insara. Hu żar Candia, Messina, Civita` Vecchia, Viterbo, Villefranche u Nice. Żar ukoll lir-re Enriku VIII f'Londra, fis-sena 1528. Waqt li kien raqad fil-Prijatura ta' Clerkenwell u anke` żar il-Palazz ta' San Ġakbu. Il-granmastru kien jaf sewwa li jekk ma kienx ser isib dar oħra għall-kavallieri u għan-nies tiegħu, dan l-ordni kien ser issir biss parti mill-istorja. Għalhekk daħħal fin-nofs il-Papa bħala mexxej tal-Insara u l-Imperu Karlu V offrielu l-gżejjer Maltin kif ukoll il-belt ta' Tripli. Saru diversi studji dwar Malta u fl-aħħar il-granmastru Fra Philippe Villiers L'Isle Adam aċċetta. Fit-23 ta' Marzu 1530 sar l-att ta' donazzjoni permezz ta' kuntratt bejn il-granmastru u l-Imperatur Karlu V. Daħal fil-Port il-Kbir fis-26 t'Ottubru 1530 rikeb il-ġifen Sant'Anna li kien taħt il-kmand tal-kavallier Ingliż Sir William Weston.

**Il-Granmastu L'Isle Adam f'Malta**

Meta waslu f'Malta l-kavallieri għażlu li joqgħodu fil-Birgu. F'dawk iż-żminijiet dan iċ-ċentru kien ċentru marittimu kif ukoll kummerċjali. Billi l-Birgu jmiss mal-baħar hu għażel dan il-port. Għalhekk minkejja li l-Imdina baqgħet il-belt ewlenija, iċ-ċentru tal-poter sar il-Birgu. Fra Philippe Villiers de l'Isle Adam daħal joqgħod fil-Castello a Mare (illum il-Forti ta' Sant'Anġlu) u l-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz saret il-knisja konventwali tal-Ordni. Il-knisja tad-Dumnikani – tal-Lunzjata - saret il-parrokkjali tan-nies tal-Birgu. Minkejja li l-Birgu kien l-aqwa ċentru l-granmastru daħal ukoll fl-Imdina. Dan seħħ permezz ta' ċerimonja li kienet saret quddiem il-bieb ewlieni ta' din il-belt. Iċ-ċerimonja saret fit-13 ta' Novembru 1530.

Il-granmastru Philippe Villiers de L'Isle Adam ra ħafna fuq wiċċu. Hu marad u xi ħadd qalu biex jitla' saż-żona tal-Imdina biex jgħix għall-kwiet u għall-arja. Hu għażel li joqgħod għand il-patrijiet Franġiskani Minuri magħrufa bħala l-patrijiet ta' Ġieżu. Hu tela' l-għada tal-festa ta' Santa Marija, jiġifieri nhar is-16 ta' Awissu 1534. Is-sabħa tiegħu kompliet tmur lura u miet nhar il-Ġimgħa 21 ta' Awissu 1534. L-intern tiegħu jinsab midfun f'urna fil-kappella ta' San Guzepp, waħda mill-kappelli tal-knisja ta' Santa Marija ta' Ġieżu. Ta' min jgħid li hu kien devot kbir ta' San Ġużepp tant li fi żmienu l-istatwa ta' dan il-qaddis ġiet mogħtija lill-Fratellanza ta' San Ġużepp li għandha l-kappella tagħha mal-knisja ta' dawn il-patrijiet. Skond it-tradizzjoni, din l-istatwa, li hija magħrufa bħala San Ġuzepp ix-Xiħ jew San Ġuzepp inkurunat, kienet fuq il-pruwa ta' waħda mix-xwieni tal-Ordni.

Fit-22 ta' Awissu 1534 il-katavru tal-Granmastru tittieħed fil-Birgu. Saret quddiesa fil-knisja konventwali ta' San Lawrenz u wara d-difna. Din saret fil-knisja ta' Sant'Anna li hija parti mill-Forti ta' Sant'Anġlu. Wara li telgħet il-belt il-ġdida – Valletta, il-fdal tiegħu ħaduhom fil-kripta ta' San Ġwann.

**Referenzi:**

**Neville Muscat,** Min kien il-Gran Mastru Philippe Villiers de l'Isle Adam, Il-Mument 21-VIII-1994

**Hannibal P Scicluna,** The Order of St John of Jerusalem and Places of Interest in Malta and Gozo, Malta 1969.